**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**
**(GHAWDEX)**

**IMHALLEF ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru :**
**Appell Nru: 67/2002**

**Il-Pulizija ( Spettur Antonello Grech )**

**Vs**

**JOHN BARTOLO**
**DOMENIC SULTANA**

**Illum, 28 ta' Gunju, 2002.**

Il-Qorti :

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha John Bartolo w Domenic Sultana gew akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar it-tlettax (13) ta' Dicembru, 2001, fil-11.05 a.m., u anke fix-xhur ta' qabel din id-data, go bitha ma' genb Domenic Department Stores, li jinsab fi Triq San Leonardu, Victoria, Ghawdex, b' diversi atti maghmulin minnhom ukoll jekk fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi w li gew maghhmula b' risoluzzjoni wahda, zammew negozju ta' bejgh ta' karozzi w vetturi ohra minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat is-sentenza moghtija mill-imsemmija Qorti fl-20 ta’ Marzu, 2002, li biha sabet liz-zewg imputati hatja ta’ din l-imputazzjoni, u kkundannathom ghall-tletin lira Maltin (Lm30) Multa kull wiehed.

Rat ir-rikos ta’ appell taz-zewg imputati fuq imsemmija datat 2 ta’ April, 2002, li permezz tieghu talbu lil din il-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza ta’ l-ewwel Qorti ta’ l-20 ta’ Marzu, 2002, dan billi tehlishom minn kull htija w piena.

Rat l-aggravju ta’ l-appellanti.

Semghet lix-xhieda prodotti bil-gurament.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi ghalkemm l-appellanti ghandhom tlett aggravji, effettivament dawn kollha jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti. Skond l-appellanti, dik il-Qorti ma kellhiex quddiemha bizzejjed provi sabiex issib htija fihom skond l-akkuza.

Din il-Qorti reghhet semghet il-provi mill-gdid li hi ghandha ragjonevolment tahseb li essenzjalment huma l-istess provi li semghet l-ewwel Qorti. Din hija Qorti b’ funzjoni purament ta’ Revizjoni w ghalhekk huwa biss eccezzjonalment li tasal sabiex tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mil-ewwel Qorti. Dan isir biss meta jkun manifest ghal din il-Qorti li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament tal-provi kjarament hazin u/jew interpretat il-ligi erroneament bil-konsegwenza naturali li daqstant hziena kienu l-konkluzzjonijiet taghha.

Mill-assjem tal-provi li semghet din il-Qorti sabiex taqdi din il-funzjoni taghha appena msemmija, hi ma tara ebda raguni l-ghaliex ghandha b' xi mod tiddisturba dak li ddecidiet l-ewwel Qorti, limitatament izda ghall-appellant John Bartolo biss. Ghar-rigward l-appellant l-iehor, Domenic Sultana, din il-Qorti taqbel mieghu li fil-konfront tieghu ma kienx hemm provi li in bazi taghhom wiehed seta' legalment u ragjonevolment jasal biex isib htija fih. Mhux l-istess, izda, ghall-appellant John Bartolo li fil-konfront tieghu l-provi juru l-agir illegali tieghu kif lilu addebitat fic-citazzjoni.

Ghal dawn in ragunijiet, il-Qorti tilqa' l-appell ta' l-appellant Domenic Sultana biss u ghalhekk qedha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fil-konfront tieghu b'dan li qed jigi dikjarat mhux hati w liberat minn kull akkuza, htija w piena.

Fil-konfront ta' l-appellant l-iehor, John Bartolo, din il-Qorti qed tichad l-appell tieghu w tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.